GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/18*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2009 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti
### I. Approvazzjoni
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 17. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi
Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti
### 1. Rimi Llegali Ħdejn Wied il-Għasri
Rigward dan l-abbuż kienu nfurmati l-Gwardjani Lokali u dawn għandhom jagħmlu spezzjonijiet tal-post f'ħinijiet differenti.
### 2. Ħaddiema tal-IPSL
Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz tal-Kumpanija IPSL, għadu kemm bagħat żewġ ħaddiema li qabel kienu mpjegati mal-WSC. Dawn il-ħaddiema se jkunu qed jibnu l-ħitan tas-sejjieħ matul Triq Wied Sara. Il-ħaddiema se jkunu qed jaħdmu fuq dan il-proġett għal numru ta' ġranet biss kif tiddeċiedi l-awtorita tal-IPSL u mbagħad jerġgħu jintbagħtu skond in-neċessitajiet li jkunu jeżistu fi proġetti oħra f'Għawdex.
### 3. Xogħlijiet fi Triq Dun Karm Caruana
Ix-xogħlijiet fi Triq Dun Karm Caruana issa mexjin ħafna u waslu fi stadju avvanzat. Fil-fatt, tul dawn l-aħħar jiem ingħatat l-ewwel kisja bit-tarmak. Rigward il-bankini

ġie deċiż kif dawn l-aħjar li jsiru u kkonkludejna li l-aħjar jinksew bil-madum li ma jkunx jiżloq u għalhekk ma jkunx hemm l-ebda periklu għal kull min jużahom.
Fil-fatt il-madum diġa ġie ordnat u għandu jasal dalwaqt u mbagħad għalhekk ix-xogħol tat-tlestija tal-bankini jkun jista' jibda.
Dan l-aħħar kellna żjara mill-Onorevoli Dr Chris Said Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Nformazzjoni u li hu għalhekk inkarigat mill-Kunsilli Lokali.
Hu ġie apposta ħalli jkun jista' jara personalment ix-xogħlijiet li kienu qed isiru mill-Kunsill fil-Pjazza u fi Triq Dun Karm Caruana.
Waqt din iż-żjara, s-Sindku s-Sur Andrew Vella wera lill-Onorevoli Said li biex qed isir dan il-proġett, il-Kunsill kellu jagħmel ħafna sagrifiċċji u joqgħod attent ħafna ħalli nkunu nistgħu nkomplu. Is-Sindku f'isem il-poplu ta' l-Għasri ressaq talba quddiem l-Onorevoli Said biex naraw jekk hux possibbli li ningħataw xi tip ta' għajnuna finanzjarja fuq dan il-proġett.
Waqt il-laqgħa tal-lum, is-Sindku ħabbar li l-Onorevoli Chris Said kien aċċetta t-talba li hu kien ressaqlu u assigurah li sa jagħti kull għajnuna possibbli. Hu talab li għalhekk jingħata stima tax-xogħlijiet li kien għad fadal isiru.
Minn naħa tiegħu s-Sindku nforma lill-Perit tal-Kunsill li kellna bżonn urġenti stima tax-xogħol li kien fadal. Meta ngħatajna l-istima din kienet tammonta għal €20000 biex titlesta minn kollox. Is-Sindku qal li hu kien infurmat li l-Onor. Dr Chris Said kien se jagħtina €15000 mill-ammont totali.
Għalhekk ix-xogħol issa se jitkompla fuq il-pjazza kollha u hekk tiġi bħala proġett komplut minn kollox u tkun ħafna isbaħ. Issa għandha ssir il-parti li għad fadal u mbagħad tingħata kisja fuq il-pjazza kollha u t-triq.
Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill biex ikun aċċettat li l-kuntrattur jingħata ammont ta' €20000 bħala depożitu fuq il-ħlas dovut għax-xogħol lid an qed jagħmel.
Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**4. Laqgħa tal-"Leader"**

Uffiċċjal minn naħa tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu u Nformazzjoni, ġie f'dan l-uffiċċju tal-Kunsill fejn inżammet laqgħa ta' tagħrif għall-pubbliku dwar il-programm ta' "Leader". Waqt din il-laqgħa, dan l-uffiċċjal wera kif nistgħu niggwadanjaw mill-parteċipazzjoni f'dan il-programm. Permezz t'hekk, nistgħu nirbħu fondi għal diversi skemi fosthom għamara fit-toroq, tindif tal-widien, enerġija alternattiva u oħrajn. Hu ħa nota tas-suġġeriment li tressqulu fosthom proposta mis-Sindku biex jitwaqqaf proġett fejn tittieħed l-enerġija mill-Biogas. Hawnhekk is-Sindku fihem kif meta hu kien fuq żjara fl-Awstrija hu kien ngħata ħjiel kif qed jitmexxa proġett simili f'lokalita żgħira f'dak il-pajjiż. Hu kompla li hu kien għamel kuntatti ma persuni mill-Awstrija li lesti li jiġu hawn u jaraw kif dan il-proġett jista' jitħaddem fil-lokalita tagħna. Dan il-proġett jista' jitwettaq permezz ta' fondi mill-EU fejn wara studju dettaljat inkunu f'pożizzjoni li jibda jaħdem il-proġett.

**IV. Korrispondenza**

i. Memo 46/2009 li tirrigwarda l-ftuħ tal-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali kull nhar ta' Sibt filgħodu.

ii. Stedina lis-Sindku mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal attendenza għal Business Breakfast li qed ikun organizzat mill-EURES.

iii. Ittra mill-KIP li qed tinforma li issa r-rimi ta' skart domestiku tela' għal €20 kull tunnellata u li jirriżultat li dan il-Kunsill qed jissussidja r-rimi ta' skart ta' stabbilimenti kummerċjali.

iv. L-uffiċċju tal-Pulizija bagħat jinforma li kienet se ssir laqgħa ma' l-Ispettur tal-Pulizija fit-28 ta' Ottubru 2009 fis-6,00p.m.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Tiġdid tal-Kuntratti**

Quddiem il-Kunsill tressqet lista ta' kuntratti li l-perjodu ta' validita tagħhom waslet biex tiskadi. Dawn huma kif ġejjin :

Colledtion of Bulky Refuse
Street Sweeping and Cleaning
Rendering of Services to Council
Attendance & Cleaning of Public Toilets.
Emptying of Open Skips
Collection of Household Waste

Dawn il-kuntratti kollha se jagħlqu fl-aħħar tas-sena. Il-Kunsill għalhekk iddeċieda li jinħarrġu l-ewwel erbgħa u l-kuntratti l-ġodda jkunu b'effett mill-ewwel tas-sena 2010.
Rigward il-kuntratt ta' l-Open Skips, dan għandu jitwaqqaf u ma jerġax jinħareġ. Dan għaliex il-pubbliku issa jistgħu jmorru jarmu fil-public amenity li nfetħet ix-Xewkija. Barra minn hekk il-kuntrattur kien intrabat li joqgħod ma' l-iskammel meta jkun hawn u dan ma kienx qed jagħmlu regolarment iżda kien qed jiġi u jħalli open skip.
Fl-istess waqt il-pubbliku jista' faċilment juża s-servizz tal-bulky refuse li hu effiċjenti ħafna f'dan il-lokal.
Dwar il-kuntratt "Collection of Household Waste" dan għandu jibqa jitħaddem peress li fuq hekk diġa ltqajna mal-Kunsilli Lokali ta' l-Għarb u San Lawrenz ħalli jinħareġ kuntratt flimkien. Laqgħat simili fuq hekk għandhom jerġgħu jinżammu. Fl-istess waqt, għandhom jinħarġu r-regolamenti l-ġodda ċari mill-Awtoritajiet qabel ma jkun jista' jingħata kuntratt ġdid.
Fil-laqgħat mal-Kunsill ta' l-Għarb u ta' San Lawrenz, is-Sur Andrew Vella kien issuġġerixxa li l-iskart separate jibqa' jinġabar kull nhar ta' Tlieta filwaqt li kull ħmistax nhar ta' Ħamis jinġabar il-ħġieġ biss. Dan għandu jkun fuq xahar bi prova. Għal dan l-iskop hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jissussidja l-boroż tal-ħġieġ ħalli b'hekk inkunu qed inħajjru lill-pubbliku biex jissepara l-iskart.

**VI Materji Oħra**

**1. Xiri ta' Kotba**

Il-Kunsill qabel li jinxtraw ħames kotba li qed ikunu ppublikati mill-Awtur is-Sur Ġorġ Cassar. Dawn il-kotba bl-isem "Żmien il-Ħsad", se jitqegħdu fil-librerija għal qari mill-pubbliku.

**2. Tindif ta' Tajn mat-Toroq**

Is-Sur Frank Formosa ressaq suġġeriment biex it-toroq kollha jitnaddfu mill-ħamrija lit kun nġemgħet mal-ħitan tul it-toroq. B'hekk filwaqt li jkunu qed jitnaddfu t-toroq, titneħħa l-ħamrija u ma jikbirx ħaxix ħażin fil-ġnub.

**3. Bini ta' Ħitan tas-Sejjieħ**

Is-Sur Emanuel Mintoff ressaq suġġeriment biex il-ħitan tas-sejjieħ tul Triq il-Knisja jinbnew mill-ġdid. Għal dan l-iskop, meta jkollna ħaddiema tal-Gvern ngaġġati mal-Kunsill, dawn se jintbagħtu fuq dan ix-xogħol.

**4. Ringrazzjamenti lill-Kunsill**

Il-familja Cutajar bagħtet ringrazzjamenti lill-membri kollha tal-Kunsill għas-simpatija u sapport li ntwera magħhom fit-telfa li kellhom ta' ommhom Grace Cutajar.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2009 fis-6,30p.m.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : ________________